# TAGĦRIF ŻGĦIR

## *RKOPPA* U *WIĊĊ*

Żewġ kelmiet Maltin sa ruħhom. Imma kif daħlu fihom l-ittri *p* u *ċ* li mhumiex ta' nisel Malti?

*Rkoppa.* Jaħtieġ immorru ftit fil-bogħod. Fil-Għarbi hi *rukba*, li daħlet fil-Malti bil-libsa ta' *rokba.* Iżda dil-kelma, fil-għadd farrâd, qajla ngħiduha; għalhekk insejnieha u tlifnieha. Aktar ingħiduha fil-għadd imżewweġ li hu *rkobtejn*, bħal *ħbiżtejn* minn *ħobża.* Il-konsonanti *b* b'*t* warajha tinħas *p*, għalhekk *rkobtejn* tinħass *rkoptejn.* Maż-żmien ġara li bdiet tinħass il-ħtieġa tal-għadd farrâd. Minn fejn sa nġibuh? *Rokba* kienet mejta u minsija. L-eħfef ħaġa kienet li naqtgħu mill-kelma *rkoptejn* (=*rkobtejn*) it-tarf *ejn* tal-għadd imżewweġ u nħorġu kelma ġdida ta' għadd farrâd *rkoppa.* Mela n-nisel ta' *rkoppa* hu dan: *rokba—rkobtejn—rkoptejn—rkoppa.*

Xi ħadd jistaqsi: Kif għandna niktbu *rkobtejn* jew *rkobbtejn?* *Rkobtejn* hija tajba, għax ġejja minn *rokba* li għandha *b* waħda. Iżda jekk inqisuha ġejja minn *rkoppa*, niktbu *rkobbtejn.*

*Wiċċ.* Fil-Għarbi hi *waġh*, li minnha ġejj il-verb *weġġah.* Iżda billi l-*h* tat-tarf hi siekta, l-kelma tinħass bħal *waġġ*, li fil-Malti ssir *wiġġ.* Terġa', il-*ġ* f'tarf il-kelma, trattab leħinha u ssir *ċ*, u hekk *wiġġ* issir *wiċċ*, bħalma *raġġ* tinħass *raċċ.* Il-kelma *wiċċ* ma niktbuhiex *wiġġ*, bħalma niktbu *raġġ*, għax il-konsonanti *ċ* saret bħala waħda mill-ittri tal-għerq, li tibqa fil-plural ukoll *uċuħ.*

P. P. S.